.

MALTA

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN**

**Rikors Guramentat Nru: 588/2013 MH**

**Illum 25 ta' Jannar 2016**

**International Meats Limited**

**vs**

**Caxton Printshop Limited**

Il-Qorti:

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici prezentat fis-17 ta' Gunju 2013 fejn gie premess:

"**1.** ***Illi s-soċjeta' attriċi teżerċita l-kummerċ billi timporta, tesporta, tbiegħ u tixtri prodotti tal-laħam, kemm fis-suq lokali u kemm fis-suq internazzjonali.***

***2. Illi s-soċjeta' attriċi kienet inkarigat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tipprovdi u tforni l-materjal konsistenti f'kartonċin u stampat dwar il-prodotti tas-soċjeta' attriċi li bih l-istess soċjeta' attriċi kienet tinqeda għall-ippakkeġġjar tal-prodotti li permezz tagħhom l-istess soċjeta' attriċi teżerċita l-kummerċ tagħha.***

3. ***Illi matul ir-relazzjoni kummerċjali tal-kontendenti, is-soċjeta' attriċi irċeviet ordni konsiderevoli sabiex tipprovdi l-prodotti tagħha fis-suq tal-Libja, liema ordni l-istess soċjeta' attriċi aċċettat bil-konsegwenza li bdiet tħejji ruħha sabiex tkun f'qagħda li tonora tali ordni.***

4. ***Illi fil-fatt, is-soċjeta' attriċi inkarigat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tagħmel tipprovdi il-materjal għall-ippakkeġġjar tal-prodotti tal-laħam li kellhom jiġu esportati lejn il-Libja, bl-inkarigu addizzjonali li l-istampat dwar il-prodotti relattivi kellhom ikunu konsistenti fi kliem li jkun fl-ilsien għarbi.***

5. ***Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta aċċettat dan l-inkarigu, hija naqset milli twettaq l-obbligi assunti minnha puntwalment u tempestivament, kif se jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.***

6. ***Illi b'konsegwenza ta' l-inadempiment tas-soċjeta' konvenuta, is-soċjeta' attriċi soffriet danni konsistenti f'telf ta' negozju, bejgħ u qliegħ.***

7. ***Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.***

8. ***Illi Christopher Micallef, debitament awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi fi proċeduri ġudizzjarji, jikkonferma li jaf bil-fatti suesposti personalment.***

***Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi:***

***(1) tiddeċiedi u tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet assunti minnha versu s-soċjeta' attriċi, bil-konsegwenza li kkaġunat danni lis-soċjeta' attriċi;***

***(2) tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inadempiment da parti tas-soċjeta' konvenuta, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;***

***(3) tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni kif likwidati,***

***u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li lilha jidhrulha xierqa u opportuni.***

***Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 647/2013, u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta' konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti ġudizzjarji tas-soċjeta' konvenuta".***

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici .

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

***"Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti ghar-ragunijiet li gejjin:***

1. ***Illi din il-kawza giet intavolata b'vendikazzjoni u b'ritaljazzjoni granet biss wara li s-socjeta esponenti wara xhur twal titkarrab biex tithallas ghal xogholijiet li kienet ghamlet fuq ordni tas-socjeta' rikorrenti u li kienu a piena sodisfazzjon taghha u wara li din dejjem tipprometti li thallasha ghalihom intavolat Mandat ta' Sekwestru biex tithallas il-bilanc lilha dovut u minghajr ebda kawza valida jew lecita kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.***

2. ***Illi l-kontendenti, tramite l-legali taghhom u fil-mori tal-iskadenza tat-terminu ta' 20 gurnata biex tigi ntavolata l-kawza wara l-hrug ta' mandati ta' sekwestri fuq riferiti kienu accettaw li dan it-terminu jizdied ghal darba darbtejn sabiex fil-fratemp issir laqgha bonarja li fiha l-partijiet jitkellmu bl-intiza da parti tal-eccipjenti li taccetta flok hlas immedjat tas-somma lilha dovuta, hlas bin-nifs minghajr imghaxx, hin bla waqt is-socjeta' attrici marret lura minn kellmtha u baqghat tinsisti illi qabel ma tersaq biex titkellem u forsi l-partijiet jaslu ghal ftehim dwar hlas, is-socjeta' esponenti kellha bilfors tirtira l-mandati li kienet intavolat – reminixxenti dan l-attegjament ta' dak il-perjodu fl-istorja politika ta' Malta fejn min bir-ragun kollu kellu l-ardir li jaghmel strike kontra l-Gvern kien jigi mkecci mill-impjieg tieghu u jerggha jidahhal fl-istess impjieg wara li jaghmel apologija umiljanti bil-miktub li fiha jintrabat li qatt iktar ma jazzarda jobdi lil Union tieghu/taghha ghax jigrilu aghar! Kopja tal-Mandati msemmija u tar-rikors guramentat li ntavolat is-socjeta' eccipjenti biex tithallas il-bilanc dovut kif fuq intqal qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument RS1 a skans ta' repetizzjoni.***

3. ***Illi l-ammont mitlub, ghalkemm f'din il-kawza hemm talba biss ghal likwidazzjoni tal-istess huwa indikat fil-mandat ta' sekwestru li gie ntavolat mis-socjeta' rikorrenti bi tpattija ghal dak li harget hi kontriha huwa ghal ammont ta' €85,000, ammont ivvintat minn zniet is-socjeta'***

***rikorrenti u bbazat fuq assolutament xejn hlief biex tipprova tkisser lis-socjeta' eccipjenti u tivvendika ruhha minnha Dokument RS2 hawn anness.***

4. ***Illi r-ragunijiet kollha msemmija mis-socjeta' rikorrenti u li a bazi taghhom giet intavolata din il-kawza huma jew kompletament res inter alios acta ghas-socjeta' eccipjenti billi l-kuntratt li s-socjeta' rikorrenti ssemmi li ta lok ghal allegazzjoni taghha li ghamlet xi telf jew soffrit xi danni kien ftehim milhuq bejn is-socjeta' rikorrenti u terzi jew filwaqt kuntratt li qatt ma ezista u qed tissemma' din l-alternattiva billi fil-korp tar-rikors guramentat ma gie l-ebda kuntratt imsemmi b'mod car u dana skond is-socjeta' eccipjenti apposta billi dak allegat huwa inezistenti.***

***Salv kull eccezzjoni ulterjuri".***

Rat il-lista tax-xhieda ndikati u d-dokumenti esibiti mis-socjeta' konvenuta a fol 22 sa 33 tal-process.

Rat in-Nota tas-socjeta' attrici tat-30 ta' Lulju 2013 li permezz taghha u in ottemperanza mad-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Gunju 2013 ressqet id-dikjarazzjonijiet u pprezentat id-dokumenti mitluba kif ordnata, kif ukoll prezentat prospett dettaljat tad-danni pretizi minnha.

Rat illi l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-7 t'Ottubru 2013 u li fl-istess seduta ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ikkonferma li l-printing sar kollu mill-kumpanija konvenuta kif ukoll li l-kont ghal dan ix-xoghol thallas kollu mill-attrici. Il-hlas sar permezz ta' numru ta' *post dated cheques* illi ssarrfu kollha. Zied li l-merkanzija giet ikkonsenjata kollha lill-attrici u sal-lum ma gie ritornat xejn lura. Spjega wkoll li l-konsenja kienet tikkonsisti f'kaxxi tal-kartun ta' daqs differenti. Hemm kaxxi li jvarjaw fid-daqs kif ukoll fil-kliem printed, skont il-prodott li ser jitqieghed fihom. Spjega wkoll li kien ipproduca *designer* lill-attrici u dwar dan spicca fi proceduri gudizzjarji peress li l-attrici ssostni li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mieghu. Zied li l-ordni li saritlu mill-attrici kienet giet approvata minnha bil-miktub. Spjega li f'dan il-process li wassal ghall-approvazzjoni tal-mod kif kellu jsir il-printing, kien direttament involut hu.

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 2015[1] fejn id-difensur tas-socjeta' konvenuta irrefera ghax-xhieda moghtija minn Ryan Schembri f'isem is-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing Ltd) fejn huwa kien obbliga ruhu li jipprezenta xi

[1] A fol 265

dokumenti, liema xhud jinsab illum mahrub minn Malta, u ddikjara li jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx u x-xhud ma jkomplix jixhed, huwa kien qieghed jitlob li x-xhieda tieghu tigi sfilzata mill-atti.

Rat il-verbal tal-14 ta' Settembru 2015[2] fejn id-difensur tas-socjeta' konvenuta rtira t-talba ghall-isfilz tax-xhieda ta' Ryan Schembri.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat il-bqija tad-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat lil kawza thalliet ghal finali trattazzjoni ghat 2 ta' Dicembru, 2015, pero f'dik is-seduta deher biss Dr. Mark Simiana ghas-socjeta attrici. Informa lil Qorti wkoll lil kawza fl-ismijiet Studio Graphic Limited vs Caxton Printshop Limited et giet deciza mit-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fis-sens lil kontendenti bejniethom, ghalina (Trapani u Schembri) kienu gew ikkundannati jhallsu bejniethom b'mod solidali lil Studio Graphic, ( Reno Psaila). Informaha li minn din is-sentenza gie interponut appell.

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza finali.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. Sintezi tal-provi

**Giuseppe Trapani** – direttur tas-socjeta' attrici – xehed bil-mezz tal-affidavit[3]. Qal li s-socjeta' attrici ilha topera fis-suq Malti sa mis-sena 2007 fil-qasam ta' importazzjoni, esportazzjoni u bejgh ta' prodotti tal-laham kemm lokalment u anke fl-esteru. Sa mill-2007 hija kienet bdiet tuza s-servizzi tas-socjeta' ntimata ghal dak kollu li jirrigwarda stampar inkluz kartun u materjal iehor. Fl-ahhar nofs tas-sena 2011 dahlet ordni minghand klijent tas-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing Ltd) ghall-forniment ta' prodotti tal-laham ghad-distribuzzjoni ghal postijiet ta' bejgh tat-tip ta' ristoranti u lukandi gewwa l-Libja. Peress li din l-ordni giet kompluta b'success is-socjeta' attrici u dik ta' Cassar & Schembri (Marketing Ltd) bdew b'tahdidiet bil-ghan li jkabbru dan is-

[2] A fol 279
[3] A fol 138 *et seq*

suq gdid fil-Libja. It-tkabbir identifikat kien jipprovdi ghad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-laham minn postijiet ta' bejgh bhal supermarkets, fejn id-domanda ghall-prodott fornut mis-socjeta' attrici kellha tkun akbar. Il-marka mahsuba ghal dan il-progett giet imsemmija "Bonitos".

Ghal dan il-progett kien mehtieg *range* ta' laham ippakkegjat b'disinn gdid u traduzzjoni fl-Gharbi tal-kliem li kellhom jidhru fuq il-materjal tal-ippakkeggjar. Wara li s-socjeta' attrici idealizzaw il-marka "Bonitos" u irregistrawha bhala trademark lokalment, avvicinaw lis-socjeta' konvenuta, senjatament id-direttur taghha Richard Schembri, fejn gie spjegat lilu l-bzonn ta' *brand* gdida bi traduzzjonijiet fl-Gharbi. Richard Schembri laqqa' lil Trapani ma' ragel jismu Reno Psaila, illi fi kliem Schembri kellu hafna esperjenza fil-Libja u li kien il-persuna ideali biex igib fis-sehh dan il-process. Din il-laqgha li saret fl-ufficcju tas-socjeta' attrici kienu prezenti ghaliha Trapani, Chris Micallef (ex *General Manager* tas-socjeta' attrici), Richard Schembri u Reno Psaila. Wara li gie spjegat il-kuncett tal-progett lil Psaila dan ikkonferma li se jibda jahdem fuq id-dizinji. Ftehmu fis-sens li Reno Psaila kellu jaghmel l-art work u t-traduzzjoni u Caxton Printshop Limited tistampa kollox. Hadd ma tkellem fuq flus f'din l-ewwel laqgha.

Wara xi gimgha gie abbozzat l-ewwel disinn u t-traduzzjonijiet necessarji minn Psaila u saret it-tieni laqgha bejn il-partijiet. F'din l-okkazjoni Trapani staqsa lil Psaila esplicitament dwar kemm kien jiswa, pero' r-risposta ta' Psaila kienet li huwa m' ghandux x'jaqsam mas-socjeta' attrci dwar flus ghax hu jahdem ghal Richard Schembri.

Fl-ahhar xhur tas-sena 2011 is-socjeta' konvenuta ghamlet konsenja ta' *wrappers* lill-atturi wara li Psaila pprepara u rrilaxxja l-*artwork* ghal dawn ir-*wrappers* biss. Uhud minn dawn ir-*wrappers* u parti minn din l-ordni kienu stampati b'xi zbalji minhabba inverzjoni fl-istampar tad-dati tal-jum u x-xahar. Minkejja dan l-izball, gew uzati dawk ir-wrappers li ma kellhomx zbalji u b'hekk l-ewwel ordni ta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd giet sodisfatta. Kien hemm ordnijiet ohrajn skedati wara dan l-ewwel ordni, li kienu ta' kwantitajiet akbar kif jirrizulta mill-*pro forma invoice* esibita a fol 68 tal-process.

Wara dik l-ewwel konsenja, Psaila beda jahdem fuq is-sensiela shiha ta' disinji, sakemm jum minnhom f'Dicembru 2011, avvicinah Richard Schembri inkwetat ghax kien ircieva fattura ghad-disinn minghand Reno Psaila b'cifra kbira hafna, liema cifra s-socjeta' attrici kkonfermat il-qbil taghha ma' Schembri li kienet gholja hafna.

B'hekk zviluppat it-tilwima bejn Psaila u s-socjeta' konvenuta ghaliex Schembri ma riedx ihallas lil Psaila c-cifra mitluba minnu, u Psaila ma riedx jirrilaxxja xogholu qabel ma jithallas. Ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici qatt ma regghu raw lil Psaila u l-komunikazzjoni sussegwenti li saret bejniethom kienet biss bl-email.

Minhabba din it-tilwima is-socjeta' konvenuta ma wettqitx l-ordnijiet ta' ppakkegjar mitluba mis-socjeta' attrici li minn naha taghha ma setghetx twettaq l-ordnijiet ulterjuri li kienet diga' ntrabtet bihom ma' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici tilfet l-ordnijiet imsemmija bi qliegh sostanzjali jisfuma fix-xejn. Peress li t-tilwima bejn Psaila u Caxton Print Shop bdiet ferm vicin iz-zmien previst li ssir il-provvista tal-prodott "Bonitos" ma kienx hemm bizzejjed zmien biex jinghata l-inkarigu lil haddiehor. Minkejja li eventwalment il-prezz mitlub minn Psaila gie ridott, dan kien tard wisq.

Is-socjeta' attrici kienet ghamlet diversi laqghat ma' imprendituri prospettivi Libjani bi thejjija ghall-kummerc fil-Libja li swewlha hafna spejjez.

In **kontro-ezami**[4] ix-xhud qal li d-disgwid mas-socjeta' konvenuta qam wara li Reno Psaila hareg kont gholi. Is-socjeta' attrici baqghet ma hallsitx dan il-kont ghax ma kellha ebda obbligu thallas lil Psaila hi. Qabel ma beda x-xoghol kien talab stima lil Psaila pero' dan ghamilha cara li mas-socjeta' konvenuta biss ghandu x'jaqsam. Minkejja l-krizi fil-Libja n-negozju baqa' ghaddej u s-socjeta' attrici stess ghamlet negozju fil-Libja anke wara l-progett tal-Bonitos. Isostni li lis-socjeta' konvenuta ghamlilha diversi pagamenti u l-prezz tal-kont rivedut minn Psaila kien gie mhallas f'dawn il-pagamenti. Insista li x-xoghol li kien jinkludi lis-socjeta' konvenuta kien jinkludi d-disinn u li d-disinn u l-istampar kienu f'idejn Caxton Printshop Limited. Richard Schembri kien staqsihom jekk kienx accettabli ghalihom li d-disinn isir minn naha ta' Caxton tramite Psaila u huma qablu. Fi progetti ohra li hadem dwarhom mas-socjeta' konvenuta huwa qatt ma kellu x'jaqsam mad-disinjaturi taghha.

In **ri-ezami**[5] huwa kkonferma li x-xoghol ta' Psaila kien ghadu ma tlestiex kollu fuq il-progett Bonitos.

**Christopher Micallef**[6] – ex General Manager tas-socjeta' attrici – spjega li fis-sena 2011, is-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd kienet ordnat minghand is-socjeta' attrici zewg *containers* tal-laham ghall-esportazzjoni lejn

[4] A fol 266
[5] A fol 268
[6] A fol 143 *et seq*

il-Libja. Din il-konsenja saret fl-ahhar tas-sena 2011 kif kien miftiehem. Wara din l-ordni, Cassar & Schembri (Marketing) Ltd talbet lis-socjeta' attrici sabiex jinholoq retail product bl-iskop li jinbiegh lill-pubbliku fi hwienet ta' l-imnut bhal ma huma *supermarkets* ( dejjem ghas-suq Libjan). B'hekk giet imfassla l-marka "Bonitos" mis-socjeta' attrici u s-socjeta attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta biex taghmel ix-xoghol mehtieg ghall-ippakkegjar ta' dan il-prodott gdid. Sadanittant kienu dahlu diversi ordnijiet minghand is-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited, liema ordnijiet kienu pjanati li jsiru matul l-ewwel tlett xhur tas-sena 2012. Is-socjeta attrici ghaddew lis-socjeta' konvenuta l-isem tal-marka l-gdida, l-informazzjoni u l-istampi tal-prodott tal-laham li huma xtaqu li jintuzaw fuq l-ippakkegjar u s-socjeta' konvenuta kellha tiehu hsieb li tifforma l-istampi, il-marka u l-kliem fuq l-ippakkegjar innifsu biex imbaghad tistampah. Minhabba li l-prodott kien jirrikjedi wkoll kliem bil-lingwa Gharbija is-socjeta' konvenuta nkarigat lil certu Reno Psaila bhala l-persuna li kien ser jiddisinja l-prodott u jiehu hsieb it-traduzzjonijiet bl-Gharbi.

Saret laqgha fl-ufficcju tas-socjeta' attrici fejn gie diskuss il-progett in kwistjoni u huma ghaddew il-materjal li riedu li jintuza lil Psaila. Sussegwentement saret laqgha ohra fejn Psaila wera l-ewwel disinji tieghu li kienu jidhru tajbin. Ix-xhud ikkonferma li Trapani staqsa lil Psaila dwar kemm kien ser jiswa x-xoghol tieghu, pero' Psaila wiegeb li s-socjeta' attrici ma kellha thallsu xejn ghax hu kien gie nkarigat mis-socjeta' konvenuta.

Wara din il-laqgha kompla x-xoghol. Saret l-ewwel konsenja ta' materjal stampat mis-socjeta' konvenuta li parti minnha kellha xi zbalji minhabba dati maqluba. Ghalhekk gie uzat il-materjal li ma kellux zbalji u bdew jissodisfaw xi ordnijiet ta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. Dan kien fl-ahhar tas-sena 2011.

Madankollu meta gew ghax-xoghol relattiv ghall-ordni l-kbira, Richard Schembri infurmahom, lis-socjeta attrici, li ma setax iforni l-istampat necessarju ghaliex Reno Psaila kien qieghed jirrifjuta li jaghtih l-art work, inkluz it-traduzzjonijiet, biex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tibda tistampa u dan ghar-raguni li Psaila ried jithallas ta' xogholu qabel jikkonsenja xogholu, liema ammont mitlub kien meqjus minn Schembri bhala wiehed eccessiv. Ix-xhud ikkonferma li kemm hu kif ukoll Trapani qablu li l-prezz kien gholi ferm.

Zid lis-socjeta' attrici spiccat f'din il-problema bejn is-socjeta' konvenuta u Reno Psaila. Schembri beda jippretendi li l-ammont jithallas mis-socjeta' attrici li minn naha taghha rrifjutat ghaliex Psaila kien inkarigat mis-socjeta' konvenuta u mhux minnha. Is-socjeta' attrici riedet biss il-materjal stampat.

Is-sitwazzjoni damet blukkata ghal diversi xhur u peress li s-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Ltd bdiet tistaqsi ghall-forniment tal-ordnijiet taghha u s-socjeta' attrici m'osservatx iz-zminijiet li fihom kellhom isiru l-ordnijiet hija kkancellat l-ordni u x-xoghol intilef. Eventwalment Psaila rahhas il-kont pero' dan kien tard wisq.

Is-socjeta' attrici sofriet telf ta' qliegh kbir minhabba dan il-kancellament tal-ordni apparti danni ohrajn konsistenti fi spejjez li hija nkorriet minhabba vjaggar kemm lejn il-Libja kif ukoll tal-klijenti Libjani li kienu gew Malta relatati mal-promozzjoni tal-prodott tas-socjeta' attrici fis-suq Libjan.

In **kontro-ezami**[7] x-xhud qal li minkejja l-problemi li qamu dwar it-tieni ordni huwa ma hassx li kellu ghalfejn jaghmel ilment bil-miktub mas-socjeta' konvenuta.

**Reno Psaila**[8] **-** *graphic designer* – xehed li kien kellmu Richard Schembri f'isem is-socjeta' konvenuta dwar xi xoghol urgenti li xtaqu jaghmel dwar pakkeggjar relatat ma' ikel tal-laham. L-ewwel bicca xoghol kienet li jiddisinja l-pakkett innifsu u mhux il-grafika ta' fuqu. Lesta xi kampjuni u ghaddihom lil Schembri. Wara Schembri qallu li dawn gew approvati hlief ghal xi affarijiet zghar fejn kien hemm tibdil. Ghamel it-tibdil li qallu Schembri u mbaghad Schembri nkarigah biex jaghmel ukoll id-disinn fuq il-*packaging*. Minhabba l-urgenza tax-xoghol Schembri talbu jmur mieghu halli jiltaqghu mal-klijent li rrizulta li kienet is-socjeta' attrici.

Saret laqgha bejn ix-xhud, Richard Schembri, Giuseppe Trapani u Christopher Micallef, gie diskuss id-disinn u ghaddewlu materjal li kien juri xi hsibijiet kellhom is-socjeta' attrici. Beda jahdem fuq ix-xoghol u ghamel disinn ghal xi 58 prodott differenti. Il-kliem ta' fuq il-packaging inghatalu mis-socjeta' attrici. Lahhaq id-deadlines li kien tah il-klijent tieghu, cioe' Caxton. Minhabba l-urgenza tax-xoghol ghadda kopja tal-*artworks* liz-zewg partijiet fil-kawza. Is-socjeta' attrici approvawhom b'email u s-socjeta' konvenuta gharrfuh biex ihejji l-files finali li minnhom isir l-istampar.

Meta huwa kien baghat il-files ghall-approvazzjoni Richard Schembri kien talbu jaghmel xi modifiki minhabba li gew invertiti xi dati. Hu rrangahom u rega' baghthom lil Schembri. Irrizulta li Schembri kien diga' lahaq ipprintja meta s-socjeta' attrici ndunat b'dan. Sal-lum Psaila kien ghadu ma thallasx ta' xoghlu u dwar dan fetah proceduri separati fil-Qorti.

---

[7] Xhieda 15 ta' Lulju 2015
[8] A fol 154 *et seq*

Ix-xhud ikkonferma li ma kinux ftehmu dwar prezzijiet. Fit-tieni laqgha li kellu mal-partijiet fil-kawza, il-kampjuni li kien hejja ntoghgbu mis-socjeta' attrici u Giuseppe Trapani hareg ic-cekk bil-ghan li jhallsu pero' Psaila kien qallu li ghad fadallu hafna xoghol li jlesti u talbu jistenna. Ikkonferma li wara l-laqgha Psaila kellem lil Richard Schembri u qallu li hu lis-socjeta' ntimata kien se jtih il-kont u li Schembri kellu jirranga huwa mas-socjeta' attrici. Dan peress li kienet is-socjeta' konvenuta li nkarigatu jaghmel dan ix-xoghol. Madankollu peress li l-kont deher gholi ghall-partijiet fil-kawza huwa cempel lil Christopher Micallef bix jaghtih spjega tal-kont. Is-socjeta' attrici nsistiet li dawn kienu gholjin u ma ridux jafu; lanqas offerta m'ghamlu. Sadanittant Psaila ma waqqfux ix-xoghol u nsista li lestieh fil-hin. Il-files finali baghthom kollha lis-socjeta' konvenuta u ghandu ma zamm xejn. Eventwalment huwa rahhas il-kontijiet tal-hlas dovut lilu.

In **kontro-ezami**[9] ix-xhud qal li qatt ma kellu kaz iehor fejn hareg il-kont lis-socjeta' konvenuta. Kellu klijent wiehed fejn is-socjeta' konvenuta kienet il-printer u kien iccargja lill-klijent partikolari Express Group li kien jordna x-xoghol direttament ghandu. Is-socjeta' attrici qatt ma lmentat dwar il-kwalita' tax-xoghol tieghu. Huwa nnega li s-socjeta' konvenuta kienet gabitlu klijent gdid. Hu sa mill-ewwel laqgha mas-socjeta' attrici kien ghamilha cara ma' Richard Schembri li hu mieghu biss ghandu x'jaqsam.

In **ri ezami**[10] Psaila qal li Express Group kienu klijenti tieghu qabel ma' sar jaf lil Richard Schembri. Kien il-General Manager ta' dik il-kumpanija li fittex is-servizzi tieghu. Ikkonferma li fil-kaz odjern hu qatt ma hareg kont lis-socjeta' attrici u tkellem ma' Schembri fis-sens li jhallsuh jew ma jhallsuhx is-socjeta' attrici huwa lilu jaf.

**Ryan Schembri**[11] - direttur tal-kumpanija Cassar and Schembri (Marketing) Limited – xehed li lejn l-ahhar tas-sena 2011 ghamlu negozju mas-socjeta' attrici dwar esportazzjoni ta' prodotti tal-laham ghall-Libja. L-ewwel baghtu container il-Libya anke jekk kien hemm xi dewmien. Din kienet l-ewwel konsejna bhala prova ghal Libja. Ir-rizultat kien jidher li huwa wiehed tajjeb. It-tieni fazi kellha tinkludi l-esportazzjoni ta' laham li ma kienx inkluz fl-ewwel kontejner. Kien hemm dewmien biex is-socjeta' attrici taghtihom il-konsenja u dan minhabba xi problemi fuq ix-xoghol tal-printing. Kienu jghidulu li qed jistennew l-*art work*. Dan kien lejn l-ahhar tas-sena 2011. L-ordni ma intbaghtitx ghax ma kinux fil-hin. Il-klijent Libjan kien daqsxejn partikolari u mar inqeda minghand xi hadd iehor. F'dan il-kaz kien hemm delay ta' xahar u

[9] A fol 159 et seq
[10] A fol 160 et seq
[11] Xhieda datata 4 t'April 2014 a fol 174 et seq

nofs zgur. Kuntratti bil-miktub ma' International Meats ma kellhomx. Ikkonferma l-Pro Forma Invoice a fol 68. Il-konsenja qatt ma saret ghax il-klijent hassar l-ordni. Min-naha taghhom ma ghamlu ebda hlas lil International Meats Ltd. Wara li hassar l-ordni il-klijent, l-isem Bonitos sfuma fix-xejn.

**Richard Schembri**[12] – direttur tas-socjeta' konvenuta – xehed li huwa kien gie avvicinat minn Giuseppe Trapani f'isem is-socjeta' attrici ghax kellu progett fil-Libja u li riedu jaghmillu xi xoghol ta' stampar fuq il-packaging. Trapani kien qallu wkoll illi kellu bzonn servizz ta' designer biex hu johloq il-kuncett. Ix-xhud kien jaf lil certu Reno Psaila li kien jahdem xoghol il-Libja u ghalhekk laqqghu ma' Trapani. Iltaqghu il-partijiet fil-kawza u Psaila. Saru samples minn Psaila bil-materjal illi pprovda Schembri. Huma ghazlu *sample* wiehed tal-marka Bonitos. L-ghazla tal-isem kien min-naha tal-kumpanija attrici. Huwa kien qieghed jigi kkuppjat bil-korrispondenza li kienet qieghda tintbaghat ghalkemm personalment ma kienx direttament involut fix-xoghol tad-disinn. Ix-xhud insista li mhux hu nkarigah lil Reno Psaila izda semplicement introducieh ma' tal-International Meats. Ix-xhud qal li kien ta stima lill-kumpanija attrici u fiha kien qallhom illi l-artwork m'huwiex inkluz. Prezenta l-istima li kien ta lis-Sur Trapani. Eventwalment meta sar ix-xoghol hu hargilhom invoice lill-kumpanija attrici. Ix-xoghol tal-artwork m'huwiex dovut lilu, huwa l-cutting u l-istampar li hu dovut lilu. Huwa rcieva l-hlas li kien dovut lilu minghand l-International Meats Limited. Fil-bidu nett, qabel ma beda x-xoghol, jiftakar li s-Sur Trapani, tant kien kuntent bix-xoghol li kien qed jaghmel is-Sur Reno Psaila illi hareg cekk biex jaghtih deposit. Imma Psaila kien qallu li f'dak l-istadju prematur, li ma kienx hemm htiega ta' deposit u dakinhar ma sarx hlas. Lanqas pero` ftehmu fuq ir-rata ta' hlas dovuta lil Reno Psaila ghax-xoghol li kien ser jaghmel ghall-kumpanija attrici. Min-naha tieghu ix-xhud qal li hu qatt m'ghamel ftehim ma' Reno Psaila dwar prezzijiet. Sar ftehim bejn it-tlett partijiet li meta tigi skambjata korrispondenza, tintbaghat kopja lil kulhadd biex b'hekk kulhadd ikun infurmat dwar dak illi qed isir. Ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' disinn, hu qatt ma jaghti l-approvazzjoni tieghu ghax m'ghandux x'jaqsam. Kif ikun hemm l-approvazzjoni tal-`klijent, hu jghaddi biex jibda l-process tal-istampar. Kif jitlesta l-qtugh, ikun hemm il-kaxxi lesti, u jibghat kollox lill-klijent. F'dan il-kaz kollox mexa harir u hu thallas tax-xoghol illi ghamel. Qamet problema li minn hafna eluf ta' kaxxi, kien hemm hamest elef minnhom fejn inqalbet id-data tal-manifattura. Pero' dan l-izball gie rimedjat u l-ordni sa fejn jaf hu telqet lejn il-Libja. Sadanittant beda jaghmel xoghol iehor ghas-socjeta' attrici. Qabel Dicembru 2011 Psaila hareg l-invoice u talbu biex johrogha f'ismu peress li kien gej u sejjer ghandhom. Hu accetta. Meta ra l-invoice deherlu li kienet gholja hafna u l-istess ikkonkludew is-socjeta' attrici.

[12] Xhieda datati 3 t'Ottubru 2014 a fol 218 et seq u 15 ta' Dicembru 2014

Is-socjeta' attrici ma ridux ikomplu jahdmu ma' Psaila u talbu kwotazzjonijiet minn band ohra. Darba lil Giuseppe Trapani talbu biex jaqtghu il-kwistjoni tal-kont ta' Psaila u laqqa' lil Psaila ma' Trapani. Iddiskutew u Psaila rreveda l-kont. Il-kliem ta' Trapani l-kliem tieghu kien dejjem fis-sens "io voglio pagare il giusto". Ix-xhud kien haseb illi s-socjeta' attrici hallsitu lil Psaila izda l-hlas ma sarx u Psaila fittex lilu fil-Qorti. Eventwalment baghat email lil Trapani fejn talbu biex jaghlqu din il-kwistjoni u hu qabel. Pero' baqa' qatt ma nghalaq xejn. Fil-frattemp hu xorta kien qed jaghti servizz ta' printing u kien qed jithallas tax-xoghol li kien qed jaghmel. Qatt ma ssemmiet xi kwistjoni dwar il-Bonitos, la verbalment u lanqas bil-miktub. Baqa' jistenna ordnijiet kbar gejjin ghax-xoghol tal-Bonitos li pero' baqghu qatt ma gew.

In **kontro-ezami**[13] x-xhud sahaq li fuq progetti ohra li kellu mas-socjeta' attrici, ghal dak li kien jirrigwarda l-artwork il-ftehim kien differenti minn dak tal-Bonitos ghax il-prezz kien ikun jinkludi kollox. Tal-Bonitos il-prezz ma kienx jinkludi l-art work. Meta originarjament huwa ghamel il-ftehim ma' Trapani ma kienx determinat il-volum ta' xoghol. Dan kien progett fluwidu u ghalhekk fl-istima kien qal "*design and cutters for the above are not included in any of the above prices and will be quoted at a later stage when jobs are finalised*". Sa dak l-istadju li Schembri ta l-istima lis-socjeta' attrici, il-hsieb kien illi hu ser jiehu hsieb il-graphic design fis-sens illi s-Sur Trapani jkollu x'jaqsam mieghu biss. Wara qal li sal-istadju tal-istima ma kienx ghadu gie determinat jekk kinitx is-socjeta' ntimata li se tqabbad lill-graphic designer jew jekk kinitx ser tqabbdu s-socjeta' attrici. Hemm emails bejn is-socjeta' attrici fejn lil Psaila qed jikkonfermawlu l-artworks u wkoll biex jixtri r-ritratti. Ix-xhud qal li ma kienx jaf xi prezz ftehmu Psaila u Trapani jew jekk qattx ftehmu. Ghamel hmerija meta accetta li Reno Psaila johrog il-kont fuq isem il-kumpanija konvenuta. Kull ma gie ordnat bhala xoghol lil Reno Psaila tlesta bhala xoghol. Hu thallas minghand is-socjeta' attrici tax-xoghol kollu li ghamel. Ordnijiet ohra ta' Bonitos ma kienx hemm. Il-hsieb kien illi jkun hemm iktar ordnijiet fuq ix-xoghol tal-Bonitos, *repeat orders*.

## III. Konsiderazzjonijiet

Illi l-kawza odjerna giet intavolata mis-socjeta' attrici in segwitu ghal inkarigu li tat lis-socjeta' konvenuta ghall-provvista u forniment ta' materjal stampat ghall-ippakkegjar ta' prodotti tal-laham li kellhom jigu esportati lejn il-Libja, liema nkarigu fil-fehma taghha ma giex ezegwit tempestivament mis-socjeta' konvenuta b'dana li s-socjeta' attrici nkorriet danni f'eluf ta' Ewro qliegh mitluf

[13] Xhieda datata 25 ta' Frar 2015 a fol 251

minhabba li kawza ta' dan id-dewmien l-ordni li kienu ntrabtu biha ma' klijent taghhom gie kancellata.

Is-socjeta' konvenuta tirribatti li l-pretensjonijiet attrici huma biss frott ta' vendikazzjoni da parti tas-socjeta' attrici ghal proceduri gudizzjarji separati li s-socjeta' konvenuta kienet kostretta tiehu kontra dik attrici oltre l-fatt li l-bazi kollha tal-kawza odjerna hija *res inter alios acta* ghas-socjeta' eccipjenti.

Pero qabel ma l-Qorti tamplifika fuq il-konsiderazzjonijiet taghha tqis li ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet minhabba dak rizultanti lilha kif suespost**;**

-illi kuntratt ta' appalt u/ jew sub appalt jistghu jigi kostitwiti verbalment bla htiega ta' ebda skrittura li tirregolahom;

-illi fir-rigward tal-livell ta' prova u ezami ta' prova fil-kamp civili, l-Qrati taghna sostnew kif ben elucidat fi-kawza fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Micheal Axisa noe deciza mill-Prim Awla fil-15 .12.15 1170/86JZM** is-segwenti principji;

***"2) Konflitt tal-verzjonijiet***

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili:–

***"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :***

***1)Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u***

***2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".***

***Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.***

***Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)".***

***(ara wkoll : "Bugeja vs Meilak" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; "Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "Farrugia vs Farrugia" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)***

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –*

***"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;***

***Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta`azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"***

*(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ;"**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ;"**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)*

*Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-*

***"… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b `daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment ċivili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f`kawża ċivili d-dolo jista` jiġi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purche` s`intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b`tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f`min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et -konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).***

*Illi minbarra dan, il-parti attrici għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall ħelsien tal-parti mħarrka (ara - **App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca**). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħzel li toqgħod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-oħra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - **App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12)*

*… Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawża..ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita`kollha" (ara - **App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et**)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta bilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta`provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara **App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - **P.A. NC -28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti*

***l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess*** **probatorju** ***(ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterji tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' giudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha ( ara- App.Inf.9.1.2008-Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et.).”***

-Illi dwar elementi li jirregolaw il-kwistjomi guridika n ezami anke b'mod partikolari l-inadempjenza ta' l-obbligazzjoni minhabba ntempestivita u danni konsegwenti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Jesmar u Rita Konjugi Valletta vs Patrick u Helen Grech deciza fl 20 ta' Marzu, 2003 P.A. 28/2001/1 JRM** fejn inghad;

***"Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-aspetti legali marbuta mal-kaz, skond l-oqsma identifikati aktar qabel bhala dawk li jsawru t-talbiet attrici;"***

***"Illi l-ligi trid ukoll li kull min jonqos li jwettaq xi obbligazzjoni li jkun intrabat li jaghmel, ghandu jaghmel tajjeb lill-parti l-ohra billi jhallasha d-danni li din setghet garrbet minhabba dak in-nuqqas9. Dan isehh minbarra li l-parti l-ohra tista' tinghata s-setgha wkoll li taghmel hi dak li naqset li taghmel il-parti l-ohra, u bi spejjez ta' din10. Fejn jigri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jaghmilhiex fil-hin miftiehem, dan jista' jigi wkoll ikkundannat jaghmel tajjeb ghad-danni li jikkawza lill-kreditur tieghu, ukoll jekk dan in-nuqqas isehh minghajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jsehhlux juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha graw minhabba xi haga barranija li huwa ma kellux setgha fuqha11, bhal fil-kaz ta' forza magguri jew accident12.( Art 1134 Kap 16) Huwa moghti wkoll lill-persuna kreditrici tal-obbligazzjoni li titlob it-tnehhija tal-haga li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjez ta' min suppost wettaqha13 (Art 1129 Kap 16)".***

***"Illi meta l-ligi titkellem dwar id-danni li ghandhom jitqiesu f'kaz ta' nuqqas ta' twettiq, hija tghid li d-debitur irid jaghmel tajjeb kemm ghat-telf, mibsur jew li sata' jinbasar fiz-zmien tal-obbligazzjoni14, li jkun bata l-kreditur u kif ukoll ghat-telf ta' qligh li dan ikun garrab15. Imma, fil-kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, irid jintwera mill-kreditur li d-danni li jkun garrab kienu l-effett dirett u immedjat tan-nuqqas tal-obbligazzjoni16. Id-danni huma dovuti meta l-obbligazzjoni ma tistax titwettaq aktar f'ghamla specifika, u mhux ukoll meta x-xoghol hazin jista' jissewwa jew jitranga17".***

***"Illi fejn ma jkunx inghata zmien lid-debitur ghat-twettiq tal-appalt, u l-appaltant ikun irid li dan jigi ezegwit, huwa mehtieg l-appaltatur jinghata zmien specifiku b'att gudizzjarju qabel jista' jitqies hati ta' dewmien19 (Ara art. 1077 u 1130(2) tal-Kap 16). Ma tiswa l-ebda ghamla ohra ta' talba mill-appaltant lill-appaltatur biex isehh dan20 ( Ara Kumm. 20.1.1959 fil-kawza fl-ismijiet Portelli vs Darmanin et pro et noe (Kollez. Vol XLIII.iii.846) u Kumm. 30.5.1961 fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs Grech Kollez. Vol:XLV.iii.820)";***

**Esposti dawn ir-riljevi w applikati dawn il-principji l-Qorti tghaddi ghas-segwenti osservazzjonijiet;**

i. *Il-progett Bonitos u r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet*

Huwa pacifiku kif irrizulta mill-provi li l-partijiet fil-kawza kienu b'relazzjoni kummercjali sa minn snin qabel il-kwistjoni li spiccat quddiem din il-Qorti, liema relazzjoni kienet wahda tajba. Kien fl-isfond ta' din ir-relazzjoni li meta s-socjeta' attrici giet avvicinata minn klijent taghha u cioe' Cassar & Schembri (Marketing) Limited sabiex din tforni laham ippakkegjat ghas-suq fil-Libja hija rrikorriet ghand is-socjeta' konvenuta bil-ghan li din tipproduci l-materjal stampat ghal dan il-progett. Is-socjeta' konvenuta harget stima datata 19 t'Ottubru 2011[14] dwar il-materjal mitlub, liema stima giet accettata mis-socjeta' attrici tant li *invoice* datata 3 ta' Dicembru 2011[15] (li nharget wara li giet sodisfatta parti mill-ordni ta' dan il-progett) kienet ibbazata fuq l-istimi moghtija fid-19 t'Ottubru 2011. Ir-relazzjoni guridika u kummercjali bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ghal finijiet tal-progett Bonitos hija ghalhekk stabbilita.

[14] A fol 227 Dok RS1
[15] A fol 228 D0K RS2

### *ii. Il-graphic designer Reno Psaila*

Huwa pacifiku wkoll li fl-ezekuzzjoni ta' dan il-progett, iddahhal fix-xena *graphic designer,* certu Reno Psaila, sabiex ihejji l-*artwork* kollu necessarju ghall-ippakkegjar tal-prodotti in kwistjoni. Minn hawn temergi immedjatament l-ewwel divergenza magguri bejn il-partijiet – a karigu ta' min irrenda s-servizz tieghu fil-progett Reno Psaila u min kien obbligat li jhallsu. Is-socjeta' attrici tattribwixxi l-falliment tal-progett ghal dan id-disgwid dwar il-hlas – tinsisti li kienet is-socjeta' konvenuta li nkarigat lil Psaila u li l-istess Psaila kien jaf biss lis-socjeta' konvenuta ghal finijiet ta' hlas ghalhekk is-socjeta' attrici spiccat vittma tal-battibekki bejniethom u tilfet l-ordni l-kbira, ghax skontha din ma ntbagtetx fiz-zmien, ghalhekk l-allegata intempestivita'. Fil-fatt l-ordni l-kbira ma ntbaghtet qatt. Minn naha taghha s-socjeta' konvenuta tishaq illi hija sempliciment introduciet lill-*graphic designer* mas-socjeta' attrici u li minn hemm 'il quddiem hija ma baqghetx responsabbli ghall-hlas.

Minn ezami tax-xhieda moghtija fil-kawza l-Qorti tikkonstata li originarjament kien Richard Schembri f'isem is-socjeta' konvenuta li avvicina lil Reno Psaila sabiex jippresta s-servizzi tieghu dwar artwork[16]; kien Richard Schembri li spjegalu x'kellu bzonn ghal dan il-progett[17]; u kien wara li Schembri nkariga lil Psaila biex jaghmel id-disinn fuq l-ippakkegjar illi hu talab lil Psaila biex imur mieghu ghand il-klijent tas-socjeta' konvenuta u cioe' s-socjeta' attrici[18]. Minn naha taghha pero' s-socjeta' attrici ma oggezzjonatx ghall-inkarigu moghti lil dan il-*graphic designer* partikolari, anzi dehret li kienet ferm sodisfatta bil-prestazzjoni tieghu.

Il-Qorti tinnota wkoll id-dicitura tal-istima ghall-progett tad-19 t'Ottubru 2011[19] mahruga mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici li kienet tghid car li *"design and cutters for the above are not included in any of the above prices <u>and will be quoted at a later stage when jobs are finalized.</u>"* Dan ma jistax hlief juri li l-intendiment bejn il-partijiet kien li l-prezzijiet tad-*design* u l-*cutters* jinghataw mis-socjeta' konvenuta fi stadju ulterjuri tal-process. Ghalhekk kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tiehu hsieb tipprokura d-disinn (irrispettivament jekk mhux maghmul internament mill-kumpanija jew *outsourced* lil terzi) u mbaghad hi tikkwota l-prezz tad-disinn lis-socjeta' attrici. Il-hlas ahhari tad-disinn u l-*cutters* kellu jsir mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Wiehed allura jissoponi li kellha tkun is-socjeta konvenuta li allura kellha thallas lil Psaila.

---

[16] Xhieda ta' Reno Psaila datata 24 ta' Frar 2014 a Fol 154
[17] Ibid. Fol 155
[18] Ibid. Fol 155
[19] Ibid.

Huwa minnu pero', kif jixhdu anke numru konsiderevoli ta' emails prezentati in atti, illi mill-mument li Psaila gie ntrodott lis-socjeta' attrici mid-direttur tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici hadet hi wkoll rwol attiv u dirett ghal dak li kellu x'jaqsam ma' disinn. Mill-ewwel laqgha li Giuseppe Trapani u Christopher Micallef f'isem is-socjeta' attrici kellhom ma' Reno Psaila fil-prezenza tad-direttur tas-socjeta' konvenuta, huma mill-ewwel ghaddew biex jispjegawlu x'kien il-kuncett tal-prodott li kellhom f'mohhhom u l-ghada stess tal-laqgha ghaddewlu l-*ispecifications* ta' dak li kellhom bzonn[20]. Minn hemm il-quddiem l-iskambju tal-emails beda jsir bejn Psaila u z-zewg partijiet fil-kawza. Psaila stess jghid li fil-kors tal-inkarigu tieghu –

***"Nikkonferma li minn naha tieghi kemm meta kien icempilli Richard Schembri u qalli nista' mmexxi u jien naqbad u mmexxi u anke meta kont inkellem lil Chris Micallef meta kien jghidli biex immexxi, naqbad u mmexxi. Ma kontx noqghod nerga' nivverifika jekk hux kollox sew minn naha ta' Richard. Din kienet is-sistema li konna adottajna u hdimna biha."***[21]

B'kuntrast ma' dak li ntqal fis-suespost, il-Qorti tinnota li fil-kawza odjerna kemm is-socjeta' attrici u dik konvenuta ghamlu minn kollox biex jallontanaw ruhhom mill-konsegwenzi tal-involviment taghhom ma' Reno Psaila. Pero' fi kwalunkwe kaz anke jekk ghal dak li jirrigwarda struzzjonijiet dwar xoghol kemm is-socjeta' attrici u anke dik konvenuta kienu qeghdin jaghtu l-istruzzjonijiet, in vista' ta' dak indikat fl-istima tad-19 t'Ottubru 2011 kif accettata mis-socjeta' attrici, <u>il-hlas ahhari ghad-disinn kellu jsir mis-socjeta' attrici</u> bil-konsegwenzi kollha li din ir-responsabbilta' ggib maghha fuq is-socjeta' attrici kif ser jigi amplifikat.

Id-disgwid ta' dan il-pagament huwa ferm kristallizat mill-provi ghal kollox kontraditorji. Trapani ghalkemm insistenti li kienet is-socjeta konvenuta li inkarigat lil Psaila, (hawn allura hemm hjiel ta' l-istitut tas-sub appalt), PERO, saqsa lil Psaila fl-ewwel inkontru bejniethom kemm kien se jiswa, skontu u skont Micallef, dana Psaila wiegbu li hu kien jaf ghal hlas biss lil Schembri. Trapani anke hareg ic-cheque book meta saqsa dan tant li gieghel lil Psaila jghidlu li kien ghad jonqos hafna xoghol u lil hlas kien prematur. Biex titkompla aktar tithawwad is-sitwazzjoni, Schembri meta rcieva l-ewwel invoice minghand Psaila, ghax bi ftehim bejniethom harget fuq is-socjeta konvenuta, mar b'qatgha fuqu ghand Trapani. Qata ghax ra il-kont gholi. Minn naha tieghu Psaila li kien dejjem insitenti li hu ghal hlas kien jaf lil Schembri, allura lis-socjeta konvenuta, tant li anke istitwixxa kawza kontra tieghu (deciza kif suriferit mit-Tribubnal tat-Talbiet Zghar), xorta pretenda li darba lis-socjeta

[20] Email datata 23 ta' Settembru 2011 a fol 49
[21] Xhieda Reno Psaila 4 t'April 2014 a fol 172

attrici rat il-kont tieghu gholi, din kellha taghmillu offerta alternattiva ghal dan. Hass anke l-bzonn li jispjega il-kont tieghu li Christopher Micallef, dejjem allura qed jitkellem mas-socjeta attrici. Senjatament ukoll kif gia rrizulta kien wara li saret il-laqgha ma Trapani li Psaila kien konvint li kellu jirriduci l-ammont lilu spettanti bhala hlas ta' xogholu.

*iii. Responsabilta' ghall-falliment tal-progett Bonitos*

Il-katina shiha tal-progett "Bonitos" li rrizultat mill-provi hi: ordni minghand imprenditur Libjan lis-socjeta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited ghall-forniment ta' prodotti ta' laham ippakkegjat biex tigi distribwita fis-suq Libjan; is-socjeta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited daret fuq is-socjeta' attrici fejn ordnat minghandha tali laham ippakkegjat; is-socjeta' attrici irrikorriet ghand is-socjeta' konvenuta biex tipprovdilha l-ippakkegjar stampat; u l-ahhar holqa f'din il-katina kien il-*graphic designer* Reno Psaila li gie mqabbad biex ihejji d-disinn ghall-ippakkegjar.

It-tezi u l-kawsali tas-socjeta' attrici hija li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni li hija sofriet ghall-kancellament tal-"ordni l-kbira" minhabba li ma pprovdietx il-materjal stampat ghall-ippakkegjar "tempestivament u puntwalment".

Il-Qorti tosserva mmedjatament li kwalunkwe ftehim li s-socjeta' attrici seta' kellha ma' Cassar and Schembri (Marketing) Limited huwa *res inter alios acta* ghas-socjeta' konvenuta; l-istess bhal ma huwa *res inter alios acta* ghall-partijiet fil-kawza odjerna kwalunkwe ftehim li Cassar and Schembri (Marketing) Limited seta' kellha mal-klijent Libjan taghha li suppost kellu jixtri l-laham. Il-valur probatorju ta' dawn il-ftehim kien biss rilevanti sabiex flimkien ma' dak miftiehem bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta almenu jigu stabbiliti d-dati miftehma u t-*time frames* specifici marbuta ma' dan il-progett biex il-Qorti tkun tista' tislet konkluzjoni dwar jekk effettivament is-socjeta' konvenuta naqsitx mill-obbligi taghha fil-konfront taz-zmien tal-konsenja tal-materjal stampat stante l-allegata intempestivita u jekk allura kellhiex tirrispondi ghad-danni pretizi minhabba f'hekk fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Meta wiehed jaghsar il-provi kollha mressqa fil-kawza jirrizulta li:

1. Nonostante l-entita' kbira tal-progett "Bonitos" kif deskritta mis-socjeta' attrici, ftehim bil-miktub bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta li jistipula d-

dettalji tar-responsabiltajiet rispettivi tal-partijiet, u partikolarment id-dati u *time frames* specifici ghall-konsenja tal-materjal stampat tal-ippakkegjar mis-socjeta' konvenuta ma jezistix;

2. L-istima datata 19 t'Ottubru 2011[22] mahruga mis-socjeta' konvenuta kif accettata mis-socjeta' attrici tghid "**delivery times** and payment terms **to be discussed further**". Mid-dokumenti kollha esibiti in atti ma jirrizultax dokument wiehed li jaghti ndikazzjoni cara ta' data massima li biha s-socjeta' attrici kienet rabtet lis-socjeta' konvenuta sabiex tikkonsenja l-materjal printjat tal-ippakkegjar; jew almenu *staggered specific dates* ghall-konsenja taghhom;

**3.** Il-maggor parti tad-dokumenti, partikolarment emails, esibiti mill-partijiet juru skambju dwar dettalji teknici tad-disinn u battibekki dwar il-hlas lil Reno Psaila **u xejn aktar.**

4. L-ex *General Manager* tas-socjeta' attrici Christopher Micallef jixhed hekk b'referenza ghall-hekk imsejha "ordni l-kbira" *–"Sadanittant, kienu dahlu diversi ordnijiet minghand is-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited, liema ordnijiet jinsabu elenkati fil-fattura pro forma li tinsab ezebita bhala "Dokument H" anness man-nota prezentata mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Lulju 2013. Dawn l-ordnijiet kienu pjanati li jsiru matul l-ewwel tlett xhur tas-sena 2012."*[23] Pero' ma jirrizulta ebda dokument jew prova cara mressqa mis-socjeta' attrici li juru li huma rabtu lis-socjeta' konvenuta dwar *time frame* car ghall-konsenja tal-materjal tal-ippakkegjar stampat sabiex huma minn naha taghhom ikunu jistghu ilahhqu jonoraw l-obbligi li qed jghidu li kellhom mas-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012. Jerga jigi hawn emfasizzat li kwalunkwe ftehim li seta sar bejn is-socjeta attrici u s-socjeta Cassar & Schembri ( Marketing ) Ltd kien estraneju ghas-socjeta konvenuta. Ma ngabet ebda prova dwar dan li turi mod iehor.

5. Ghalhekk, kif inghad, is-socjeta' konvenuta ma kienet marbuta b' ebda ftehim li s-socjeta' attrici setghet ghamlet ma' terzi dwar il-perjodu tal-konsenja; l-istess bhalma s-socjeta' konvenuta lanqas ma kienet marbuta mad-dati u l-ftehim li Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienu ghamlu mal-klijent Libjan taghhom ghall-konsenja tal-laham ippakkegjat ghax dawn huma kollha terzi estranei ghaliha. Is-socjeta' konvenuta kienet tkun marbuta biss b'*time frames* specifici li fihom hi kienet obbligata tghaddi l-materjal stampat lis-socjeta' attrici. Kif stabbilit, dawn id-dati/*time frames* miftehma cari u *ad hoc* bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ma jirrizultawx.

[22] Fol 227 Dok RS1
[23] Affidavit Christopher Micallef, paragrafu 7 a fol 144

6. Is-socjeta' attrici tipponta lejn is-socjeta' konvenuta li ma kinitx "tempestiva" u "puntwali" biex tikkonsenjalha l-materjal tal-ippakkegjar stampat. Imma x'kien jikkostitwixxi "tempestivita'" u "puntwalita" fil-kaz odjern? Sal-ahhar tas-sena 2011? Sa nofs Jannar 2012? Sal-ahhar ta' Jannar 2012? Kemm? Terga haw il-Qorti taghmel referenza ghal *Pro Forma* msemmija hija datata 15.11.11. Dan ma giex pruvat, daqskemm ma ntweriex mis-socjeta' attrici li fil-kors tad-diskursati u *emails* li kienu ghaddejjin dwar il-hlas ta' Reno Psaila huma f'xi hin indikaw li jekk is-socjeta' konvenuta ma tikkonsenjax il-materjal stampat sa certu data, huma kienu se jitilfu l-ordnijiet minghand Cassar & Schembri (Marketing) Limited u li kienu ghalhekk ser izommuhom responsabbli ghal kwalunkwe danni li setghu jinkorru. L-ewwel darba li mill-atti jirrizulta li s-socjeta' attrici hadet passi kontra s-socjeta' konvenuta dwar dan il-progett kien permezz ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 647/2013 fl-ismijiet *"International Meats Limited vs Caxton Printshop Limited [C 17080]"* fl-20 t'April 2013, liema mandat gie segwit bl-intavolar tal-kawza fl-ismijiet premessi xahrejn wara, cioe' fis-17 ta' Gunju 2013.

7. Ironikament nonostante li kienet is-socjeta' attrici stess li ddikjarat li hija kienet obbligat ruhha mas-socjeta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited li taghmel il-konsenja tal-ordni l-kbira fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012, jirrizulta mill-provi li s-socjeta' attrici qattghet dak il-perjodu kollu ta' tlett xhur u aktar f'tahdidiet mas-socjeta' konvenuta dwar il-kont tal-*graphic designer* Reno Psaila. Addirittura xhur wara li ghadda Marzu tal-2012 meta suppost allura kienet giet kompletata l-konsenja tal-ordni l-kbira, senjatament f'Lulju 2012, gie esebit skambju ta' korrispondenza bl-email bejn Reno Psaila u l-partijiet fil-kawza dwar il-hlas lil Reno Psaila[24] fejn ir-risposta ta' Giuseppe Trapani kienet sempliciment *"Caro Richard, Ok, la penso come te e il nostro caro amico Reno….sono super impegnato, ma ti prometto che chiudero' questa situazione…"*. Mela f'nofs is-sena 2012 s-socjeta' attrici ma ssemmi xejn aktar dwar xi urgenza fil-progett Bonitos, ma ssemmi xejn dwar jekk din l-ordni ghadhiex fis-sehh jew le, tiddikjara li ghandha hafna mpenji ohra pero' twieghed li se taghmel l-almu taghha biex issolvi l-pendenza dwar il-hlas ta' Reno Psaila. Dan apparti li fil-frattemp baqghet ghaddejja bi progetti ohra kummercjali mas-socjeta' konvenuta. Senjatament lanqas u imkien ma jsemma telf li garbet bil-falliment tal-progett Bonitos

[24] Fol 56 u 57

8. Is-socjeta' attrici baqghet issostni li l-kont ta' Psaila kien gholi wisq u rrifjutat li thallsu. Imma ma jirrizultax li hi qatt rabtet lis-socjeta' konvenuta b'xi rata massima ta' hlas fis-siegha li lesta taccetta ghal dan is-servizz u allura difficli li issa tinghata ragun meta qed tipponta s-swaba' ghall-konsegwenzi li setghu inqalghu dwar dan il-kont fuq is-socjeta' konvenuta. Wara kollox, kif diga' ikkonkludiet din il-Qorti, kien fatt maghruf ghas-socjeta' attrici sa mill-bidu nett illi l-kont ahhari tad-disinn kien ser jithallas minnha. U allura l-interess primarju dwar il-*quantum* kien taghha u ta' hadd aktar. La hija ma hadet ebda pass biex testabilixxi xi parametri dwar hlas lil *graphic designer* m'ghandha issa tlum lil hadd hlief lilha nfisha jekk minhabba n-nuqqas ta' qbil taghha mal-ammont tal-kont ta' Reno Psaila baqghet tiddisputah sakemm spiccat f'xi punt tilfet ordni kbira minghand il-klijent taghha stess.

9. Tigi nnutata wkoll certa nebolozita' fi provi l-ohra li ressqet is-socjeta' attrici stess dwar il-bqija tal-katina tal-progett "Bonitos". Hekk per ezempju s-socjeta' attrici taghmel enfasi kbira fuq it-telf tal-"ordni l-kbira" li saret minn Cassar & Schembri (Marketing) Limited fil-*Pro Forma Invoice* datata 15 ta' Novembru 2011[25]. Pero' meta wiehed janalizza dan id-dokument (li addiritttuta s-socjeta' attrici qeghda tikkwantifika d-danni pretizi minnha fuq id-*data* u l-figuri li hemm fih) jirrizulta li dan ma jindika ebda data jew *time frame* car dwar meta kellha ssir l-allegata konsenja l-kbira. Addirittura din il-*Pro Forma Invoice* lanqas biss hija ffirmata minn rapprezentant tal-klijent u cioe ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

10. Huwa koncess li bil-gurament ix-xhud Ryan Schembri[26] f'isem Cassar & Schembri (Marketing) Limited ikkonferma li huma kienu ghamlu dawk l-ordnijiet lis-socjeta' attrici. Pero' mill-bqija dan ix-xhud kien vag hafna dwar it-tieni fazi tal-progett "Bonitos", liema fazi tolqot l-"ordni l-kbira" mertu tal-kawza odjerna. Ix-xhud jghid li kien hemm dewmien biex tinghatalhom il-konsenja u meta kien jistaqsi lil Christopher Micallef dwaru dan kien isemmilu l-*artwork*. Pero' ghal darb' ohra jinghad li s-socjeta' attrici ma kienx bizzejjed ghall-kaz taghha li turi li l-kawza tad-dewmien fil-konsenja kienet l-*artwork*, ghax l-obbligi taghha ma' Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienu taghha u mhux tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici kien jehtigielha turi li hi akkordat zmien specifiku lis-socjeta' konvenuta biex tikkonsenja l-materjal stampat u hi damet biex ghamlet dan bil-konsegwenza li ntilfet l-ordni.

11. Ix-xhieda ta' Ryan Schembri dwar time frames relevanti sabiex tigi stabbilita l-katina shiha tal-progett "Bonitos" tkompli b'mod inkonklussiv. Jghid - ***"L-***

[25] Dok H a fol 68
[26] Xhieda datata 4 t'April 2014 a fol 174 et seq

> ***ordni ma ntbaghtitx. Ma konniex on time. Il-klijent kien daqsxejn partikolari u mar inqeda minghand xi hadd iehor. Gieli anke ghal gimgha jsibulek lil xi hadd iehor.****"* Imma ghal darb'ohra l-Qorti tistaqsi - "on time" meta? Lanqas ingabet prova ta' meta giet kancellata l-ordni mill-Libjan: ikkancella fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012 meta suppost saret il-konsenja skont l-atturi jew wara? Ryan Schembri jsemmi dewmien ta' xahar u nofs; imma lanqas hu car dan ix-xahar u nofs minn meta beda jiddekorri. Ryan Schembri, li x-xhieda tieghu kienet krucjali ghas-socjeta' attrici sabiex tkompli tghaqqad flimkien il-bqija tal-katina tal-progett "Bonitos" lanqas biss jiftakar meta kellha ssir il-konsenja tal-laham fil-Libja ghalkemm jikkonferma li kienu huma li ftehmu d-data mal-klijent Libjan. Prometta li jesebixxi d-dokumenti li jixhtu dawl fuq dan imma ebda dokument ma gie esebit. Is-socjeta attrici ma ressqet ebda prova ohra ta' dan!

Fid-dawl tar-ragunijiet suesposti l-Qorti tikkonkludi li l-istampa globali li emergiet f'din il-vicenda kollha hi li fl-entuzjazmu li kellha li tidhol ghal progett kbir, is-socjeta' attrici naqset milli testabilixxi parametri cari ta' operat u *time frames* kemm ghaliha kif ukoll ghal dawk li ntrabtet maghhom. Il-kawza odjerna infethet mis-socjeta' attrici u allura l-oneru tal-prova dwar it-talbiet taghha kien unikament fuqha. Il-Qorti ma tqisx li l-provi mressqa mis-socjeta' attrici lahqu l-grad ta' probabilta' rikjest mill-ligi sabiex titpogga r-responsabilta' ta' kwalunkwe kancellament ta' ordnijiet ta' prodotti tal-laham ippakkegjat u d-danni konsegwenzjali tal-istess fuq is-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur